KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fil-15 ta' Diċembru 2011 [1]

**Kawża C-378/10**

**VALE Építési kft**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bírósága (l-Ungerija)]

"Libertà ta' stabbiliment — Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE — Ċaqliq tas-sede ta' kumpannija li taqa' taħt Stat Membru lejn Stat Membru ieħor b'bidla fid-dritt nazzjonali applikabbli ('rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija b'kapital azzjonarju') — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li kumpannija kkostitwita fi Stat Membru ieħor titniżżel fir-reġistru nazzjonali tal-kumpanniji, bħala predeċessura fid-dritt ta' kumpannija — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li jitniżżel dan ir-riferiment jekk din il-predeċessura tkun kumpannija kkostitwita fl-Ungerija"

## I – Introduzzjoni

1. Din il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-problema taċ-ċaqliq transkonfinali tal-kumpanniji fi ħdan is-suq uniku. It-talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 43 u 48 KE — li saru l-Artikoli 49 u 54 TFUE — u tressqet fil-kuntest ta' proċeduri mhux kontenzjużi wara ċ-ċaqliq transkonfinali ta' kumpannija rregolata mid-dritt Taljan lejn l-Ungerija permezz tat-trasferiment tas-sede tagħha, li kien jinvolvi t-tħassir tagħha mir-reġistru Taljan tal-kumpanniji, bidla fid-dritt applikabbli u r-rikostituzzjoni tagħha f'kumpannija rregolata mid-dritt Ungeriż li tallega li hija s-suċċessura universali ta' dik il-kumpannija Taljana.

2. Il-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni f'din il-kawża tippermetti li kumpannija kkostitwita fl-Ungerija titniżżel fir-reġistru nazzjonali tal-kumpanniji, bħala predeċessura fid-dritt ta' kumpannija. Għall-kuntrarju, dik il-leġiżlazzjoni ma tippermettix li jiddaħħal tali riferiment jekk il-predeċessura hija kumpannija kkostitwita fi Stat Membru ieħor, kif inhu l-każ fil-kawża prinċipali.

3. Din il-kawża tidħol f'sensiela ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt Ewropew tal-kumpanniji, bħas-sentenzi Daily Mail u General Trust, Centros, Überseering, Inspire Art, SEVIC Systems u Cartesio [2]. Madankollu din għandha aspett innovattiv billi l-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mitluba tiddeċiedi fuq il-portata tal-obbligi ta' Stat Membru ospitanti fil-każ ta' "rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija b'kapital azzjonarju" [3].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Sentenzi tas-27 ta' Settembru 1988, Daily Mail and General Trust (81/87, Ġabra p. 5483); tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, Ġabra p. I-1459); tal-5 ta' Novembru 2002, Überseering (C-208/00, Ġabra p. I-9919); tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, Ġabra p. I-10155); tat-13 ta' Diċembru 2005, SEVIC Systems (C-411/03, Ġabra p. I-10805), u tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, Ġabra p. I-9641).

3 — F'dawn il-konklużjonijiet, ser nirreferi għall-operazzjoni li minnha toriġina l-kawża prinċipali bħala li tikkostitwixxi "rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija b'kapital azzjonarju". Ir-raġunijiet għal din id-deskrizzjoni ser jiġu spjegati iktar 'il quddiem.

## II – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. La d-dritt primarju u lanqas il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni ma fihom dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija ta' Stat Membru jew inkella t-trasferiment internazzjonali tas-sede statutorja ta' tali kumpannija [4].

5. Madankollu, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001, tat-8 ta' Ottubru 2001, dwar l-Istatut ta' Kumpannija Ewropea (SE) [5] jistabbilixxi fl-Artikolu 8 tiegħu dispożizzjonijiet iddettaljati dwar it-trasferiment tas-sede statutorja ta' SE. Bl-istess mod, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003, tat-22 ta' Lulju 2003, dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) [6] jagħti lill-kooperattivi Ewropej il-possibbiltà li jittrasferixxu s-sede statutorja tagħhom. Barra minn hekk, id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata [7], tistabbilixxi kuntest ġuridiku għall-finijiet ta' dawn l-amalgamazzjonijiet.

### B – *Id-dritt nazzjonali*

6. Id-dispożizzjonijiet essenzjali tad-dritt nazzjonali jinsabu f'żewġ strumenti [8].

7. Minn naħa, hemm il-Liġi Nru V tal-2006, dwar l-informazzjoni relatata mal-kumpanniji, il-proċedura ġudizzjarja tar-reġistrazzjoni tal-kumpanniji u t-tqegħid fi stralċ volontarju (A cégnyilvánosságról, a bírósági cégeljárásról és a végelszámolásról szóló 2006. évi V. törvény) [9] (iktar 'il quddiem "il-Liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpanniji"). Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din il-liġi jinsabu fl-Artikoli 24 sa 29 u 57(4).

8. Min-naħa l-oħra, hemm ukoll il-Liġi Nru IV tal-2006, dwar il-kumpanniji kummerċjali (A gazdasági társaságokról szóló 2006. évi IV. Törvény) [10] (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-kumpanniji kummerċjali"). Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din il-liġi għall-finijiet ta' din il-kawża jinsabu partikolarment fl-Artikoli 3, 69(1), 71, 73, 74 u 75.

## III – Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9. VALE Costruzioni Srl (iktar 'il quddiem "VALE Costruzioni"), kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Taljan, kienet tniżżlet fir-reġistru tal-kumpanniji ta' Ruma (l-Italja) fis-16 ta' Novembru 2000.

10. Fit-3 ta' Frar 2006, VALE Costruzioni talbet li titħassar minn dak ir-reġistru filwaqt li indikat l-intenzjoni tagħha li tittrasferixxi s-sede tagħha u l-attività tagħha fl-Ungerija, u li twaqqaf l-attività tagħha fl-Italja.

4 — Għandu jitfakkar, li fil-komunikazzjoni tagħha, tal-21 ta' Mejju 2003, dwar il-modernizzazzjoni tad-dritt tal-kumpanniji [COM (2003) 284 finali], il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej esprimiet il-ħsieb tagħha li telabora proposta għall-erbatax-il direttiva dwar it-trasferiment tas-sede minn Stat Membru għal ieħor u nediet, f'dan ir-rigward, konsultazzjoni pubblika li ngħalqet fil-15 ta' April 2004. Issa, sa llum, il-Kummissjoni għadha ma adottatx tali proposta.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 251.

6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 280.

7 — ĠU L 310, p. 1.

8 — Il-kontenut ta' dawn l-istrumenti ser jiġi espost, sa fejn dan ikun jidher rilevanti, fil-paragrafi li ġejjin.

9 — Magyar Közlöny 2006/1 (I. 4.), 4 ta' Jannar 2006, p. 99.

10 — Magyar Közlöny 2006/1 (I. 4.), 4 ta' Jannar 2006, p. 24.

11. Skont din it-talba, l-awtorità inkarigata miż-żamma tar-reġistru f'Ruma pproċediet għat-tħassir ta' VALE Costruzioni fit-13 ta' Frar 2006. Kif jirriżulta mill-proċess, fir-reġistru, taħt it-titolu "Tħassir u trasferiment tas-sede", tniżżel li "l-kumpannija ċċaqalqet l-Ungerija". L-estratt tar-reġistru Taljan tal-kumpanniji juri li VALE Costruzioni indikat lill-Ungerija bħala l-pajjiż tas-sede tagħha, filwaqt li indikat l-indirizz li jinsab f'Budapest (l-Ungerija).

12. Fl-14 ta' Novembru 2006, jiġifieri disa' xhur iktar tard, f'Ruma, id-direttur ta' VALE Costruzioni u persuna fiżika oħra approvaw l-istatuti ta' VALE Építési kft (iktar 'il quddiem "VALE Építési"), kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Ungeriż, bil-għan li titniżżel fir-reġistru tal-kumpanniji fl-Ungerija. Il-preambolu tal-att kostituttiv jindika li "l-kumpannija stabbilita inizjalment fl-Italja skont id-dritt Taljan iddeċidiet li tittrasferixxi s-sede tagħha fl-Ungerija u li topera skont id-dritt Ungeriż". Skont l-att kostituttiv, nofs il-kapital azzjonarju sar disponibbli sal-estent meħtieġ, skont il-liġi Ungeriża, u ġie ttrasferit, fl-14 ta' Diċembru 2006, fil-kont miftuħ f'isem VALE Építési fl-Ungerija. L-att kostituttiv jindika s-sede fl-istess indirizz f'Budapest.

13. Fid-19 ta' Jannar 2007, ir-rappreżentant ta' VALE Építési ressaq talba quddiem il-Fővárosi Bíróság (Qorti Metropolitana ta' Budapest, l-Ungerija) fil-ġurisdizzjoni tagħha ta' cégbíróság (Qorti tal-Kumpanniji) sabiex il-kumpannija tiġi rreġistrata skont id-dritt Ungeriż. Fit-talba tiegħu, huwa indika lil VALE Costruzioni bħala predeċessura fid-dritt ta' VALE Építési.

14. Dik il-qorti, responsabbli l-ewwel nett miż-żamma tar-reġistru, ċaħdet it-talba għal reġistrazzjoni mressqa minn VALE Építési. Il-Fővárosi Ítélőtábla (Qorti Reġjonali ta' Budapest), adita bl-appell ta' dik il-kumpannija, ikkonfermat dan id-digriet ta' ċaħda. Skont id-deċiżjoni tagħha, il-kumpannija kkostitwita u rreġistrata fl-Italja ma tistax, skont ir-regoli Ungeriżi li japplikaw għall-kumpanniji, tittrasferixxi s-sede tagħha fl-Ungerija u ma tistax tiġi rreġistrata hemmhekk fil-forma mitluba. Skont din il-qorti, f'konformità mal-Liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpanniji, ma huwiex possibbli li kumpannija li ma hijiex Ungeriża tiġi indikata bħala predeċessura fid-dritt. Fir-reġistru tal-kumpanniji jistgħu jidhru biss id-dettalji enumerati fl-Artikoli 24 sa 29 ta' dik il-liġi.

15. VALE Építési ppreżentat appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bírósága (Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Ungerija), jiġifieri l-qorti tar-rinviju. VALE Építési sostniet li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikser id-dispożizzjonijiet direttament applikabbli tal-Artikoli 43 KE u 48 KE peress li din ma għamlet l-ebda distinzjoni bejn, minn naħa, it-trasferiment internazzjonali tas-sede ta' kumpannija, li ma kien jimplika la bidla fil-personalità ġuridika ta' oriġini tal-kumpannija u lanqas bidla fil-liġi applikabbli u, min-naħa l-oħra, it-tibdil internazzjonali ta' kumpannija, li kienet timplika tali bidla.

16. Skont il-qorti tar-rinviju, id-diffikultà prattika ta' din il-kawża tinsab fil-fatt li r-reġistru tal-kumpanniji huwa organizzat skont sistema ta' "kompartimenti", fejn il-kontenut tad-diversi kompartimenti huwa ddeterminat mill-Artikoli 24 sa 29 tal-Liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpanniji. Impriża li tixtieq teżerċita d-dritt ta' stabbiliment tagħha mhux billi tittrasferixxi s-sede tagħha fl-Ungerija imma, billi toħloq kumpannija Ungeriża ġdida, u li tkun tixtieq tindika fl-istatuti li hija kienet topera preċedentement fi Stat Membru ieħor, tista' tagħmel riferiment għal dan il-fatt biss billi tindika d-data tat-tibdil. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tikkonferma l-kunsiderazzjoni tal-Fővárosi Bíróság filwaqt li tindika li trasferiment tas-sede li jinvolvi rikostituzzjoni tal-kumpannija skont id-dritt Ungeriż u l-indikazzjoni tal-kumpannija oriġinali Taljana, kif titlob VALE Építési, ma jistax jiġi kkunsidrat, fid-dritt Ungeriż, bħala tibdil.

17. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti nazzjonali ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Istat Membru ospitanti għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-Artikoli 43 KE u 48 KE meta kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor (l-Istat ta' oriġini) tittrasferixxi s-sede tagħha hemmhekk, filwaqt li kienet ġiet imħassra — għal din ir-raġuni — mir-reġistru tal-kumpanniji

tal-Istat Membru ta' oriġini, meta l-azzjonisti tal-kumpannija japprovaw l-att kostituttiv il-ġdid redatt skont id-dritt tal-Istat ospitanti u meta l-kumpannija titlob ir-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-kumpanniji tal-Istat Membru ospitanti skont id-dritt tiegħu?

2) Jekk l-ewwel domanda kellha tiġi risposta fl-affermattiv, l-Artikoli 43 KE u 48 KE għandhom ikunu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni jew prassi ta' Stat Membru (ospitanti) li tiċħad lil kumpannija regolament stabbilita skont id-dritt ta' Stat Membru ieħor (ta' oriġini) id-dritt li tittrasferixxi s-sede tagħha fl-Istat ospitanti u li hemmhekk tkompli l-attività tagħha skont id-dritt ta' dan l-Istat?

3) Huwa importanti, sabiex tingħata risposta għat-tieni domanda, li tittieħed inkunsiderazzjoni r-raġuni li għaliha l-Istat Membru ospitanti jiċħad lill-kumpannija li tagħmel l-applikazzjoni, ir-reġistrazzjoni fir-reġistru, u iktar partikolarment

— il-fatt li l-kumpannija li tagħmel l-applikazzjoni ssemmi l-kumpannija stabbilita fl-Istat Membru ta' oriġni, u mħassra mir-reġistru tal-kumpanniji tiegħu, bħala predeċessura fid-dritt fl-att kostituttiv tagħha irċevut fl-Istat ospitanti u titlob li din il-predeċessura tkun imsemmija fir-reġistru tal-kumpanniji tal-Istat ospitanti bħala l-predeċessura proprju tagħha fid-dritt?

— il-kwistjoni dwar jekk, f'każ ta' tibdil internazzjonali intra-Komunitarju, l-Istat ospitanti għandux l-obbligu li jieħu inkunsiderazzjoni, meta jeżamina applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' kumpannija, l-att tal-Istat Membru ta' oriġini li bih il-fatt tat-trasferiment tas-sede ġie mniżżel fir-reġistru tal-kumpanniji ta' dan l-Istat Membru, u, jekk huwa għandu jieħu dan inkunsiderazzjoni, sa fejn?

4) L-Istat Membru ospitanti jista' jeżamina applikazzjoni għal reġistrazzjoni introdotta f'dan l-Istat minn kumpannija li twettaq tibdil internazzjonali intra-Komunitarju billi japplika r-regoli tad-dritt nazzjonali tiegħu dwar it-tibdil tal-kumpanniji fuq livell nazzjonali, jiġifieri billi jeħtieġ mill-kumpannija li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li d-dritt nazzjonali tiegħu jimponi f'każ ta' tibdil nazzjonali (pereżempju, il-preparazzjoni ta' karta tal-bilanċ u ta' inventarju tal-attivi) jew l-Artikoli 43 KE u 48 KE jobbligaw lil dan l-Istat jagħmel distinzjoni bejn tibdil internazzjonali intra-Komunitarju u tibdil fuq livell nazzjonali u, jekk dan huwa l-każ, sa fejn?"

## IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Lulju 2010. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-kumpannija VALE Építési, mill-Gvern Ungeriż u dak Ġermaniż, dak Irlandiż, dak Taljan, dak Awstrijak, u dak tar-Renju Unit, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Awtorità ta' sorveljanza tal-EFTA.

19. Sabiex tikkompleta l-elementi tal-proċess, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet lill-Gvern Taljan u lir-rappreżentant ta' VALE Építési domandi għal risposti bil-miktub dwar il-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Taljan, kif ukoll dwar il-fatti tal-każ inkwistjoni. Ir-risposti ġew irreġistrati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Lulju 2011.

20. VALE Építési, il-Gvern Ungeriż u dawk Ġermaniż, Irlandiż, Taljan, Awstrijak u tar-Renju Unit kif ukoll il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' sorveljanza tal-EFTA ġew irrappreżentati fis-seduta li nżammet fl-14 ta' Settembru 2011.

## V – Analiżi

### A – *Introduzzjoni*

21. Bid-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk id-dritt tal-Unjoni japplikax, u fl-affermattiv b'liema effetti, fil-każ ta' trasferiment tas-sede, anke ta' tibdil, ta' kumpannija b'kapital azzjonarju kkostitwita legalment fi Stat Membru A u wara mħassra minn reġistru tal-kumpanniji f'dak l-Istat Membru, bil-għan ta' trasferiment u ta' reġistrazzjoni fi Stat Membru B, b'bidla fid-dritt applikabbli. Peress li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Ungeriż ma jawtorizzawx ir-reġistrazzjoni ta' tali kumpannija b'riferiment għal kumpannija ta' Stat Membru ieħor bħala l-predeċessura legali tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar is-soluzzjoni li għandha tingħata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-libertà ta' stabbiliment.

22. Fid-dawl tal-problemi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, nipproponi li nittratta d-domandi f'żewġ partijiet, l-ewwel waħda dwar l-applikabblità tal-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE [11] fir-rigward tat-tibdil tal-kumpanniji, it-tieni parti dwar l-effetti tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà ta' stabbiliment fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu jikkostitwixxu restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment.

23. Madankollu, l-ewwel nett hemm tliet punti li jistħoqqilhom li jiġu ttrattati qabel ma ssir analiżi tad-domandi preliminari. Fl-ewwel lok, ċerti partijiet qajmu dubji dwar l-ammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fit-tieni lok, jidhirli li huwa indispensabbli li tiġi ċċarata t-terminoloġija li għandha tintuża. Fl-aħħar nett, it-tielet kwistjoni essenzjalment importanti tirrigwarda l-eżistenza ġuridika ta' VALE Costruzioni fil-mument tat-tressiq tat-talba għal reġistrazzjoni fl-Ungerija.

### B – *Fuq l-ammissibbiltà*

24. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll l-Awtorità ta' sorveljanza tal-EFTA josservaw, fir-rigward tal-aħħar żewġ domandi, li d-deċiżjoni tar-rinviju fiha lakuni li jistgħu jwasslu għall-inammissibbiltà tad-domandi magħmula. Fil-fatt, dik id-deċiżjoni ma tippreċiżax il-konsegwenzi legali marbuta fid-dritt Taljan mat-tħassir ta' VALE Costruzioni mir-reġistru tal-kumpanniji. Il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni jsostnu li minn dik id-deċiżjoni ma jirriżultax jekk VALE Costruzioni eżerċitatx jew le attività ekonomika wara li tħassret. Il-Gvern Ungeriż, dak Awstrijak u dak tar-Renju Unit josservaw barra minn hekk li l-istatuti ta' VALE Építési kienu ġew approvati minn persuni parzjalment differenti mis-soċji ta' VALE Costruzioni. Fl-aħħar nett, skont l-Irlanda, ma huwiex ċar jekk it-trasferiment tas-sede "tal-kumpannija" jfissirx is-sede statutorja jew is-sede reali.

25. Għaldaqstant, l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari ma jidhirlix li tqajjem dubji. Fil-fehma tiegħi, dan il-fatt jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha, fil-kuntest tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 267 TFUE, meta d-domandi magħmulin jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, hija marbuta li tagħti deċiżjoni [12]. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tieħu deċiżjoni dwar talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni, ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta d-domanda tkun waħda ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji biex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jsirulha [13].

11 — Enumerazzjoni ġdida wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

12 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et* (C-395/08 u C-396/08, Ġabra p. I-5119, punt 18 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

13 — Fir-rigward ta' ġurisprudenza stabbilita, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et* (C-222/05 sa C-225/05, Ġabra p. I-4233, punt 22); tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, Ġabra p. I-5667, punt 27) kif ukoll Bruno *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 19).

26. Issa, bla dubju ta' xejn dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża. Minkejja l-ineżattezzi tad-deċiżjoni tar-rinviju fir-rigward tal-partikolaritajiet tad-dritt Taljan, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha biżżejjed elementi biex tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha. Id-domandi magħmulin jidħlu korrettament fil-kuntest ġuridiku u fattwali u jirrigwardaw problema reali li jista' jkollha konsegwenzi trasversali għas-suq uniku kollu. Barra minn hekk, dawn id-domandi għadhom qatt ma kienu s-suġġett ta' risposta preċiża tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Barra minn hekk, il-problema tal-konsegwenzi legali marbutin mat-tħassir ta' kumpannija b'kapital azzjonarju mir-reġistru Taljan tal-kumpanniji, imsemmija espressament mill-qorti nazzjonali, tidher li hija partikolarment kumplessa u 'l bogħod minn interpretazzjoni inekwivoka.

## C – *Fuq il-kwalifikazzjoni preċiża li għandha tingħata lill-każ speċifiku*

28. Jidhirli li huwa essenzjali li tiġi ppreċiżata t-terminoloġija li għandha tintuża biex tiġi ddefinita n-natura tal-att ta' stabbiliment ta' VALE Építési minn persuni li eżerċitaw attività ekonomika taħt forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Taljan, jiġifieri VALE Costruzioni, li jixtiequ jaraw lil VALE Építési tiret id-drittijiet ta' VALE Costruzioni. F'dan ir-rigward, l-ewwel domanda li tqum hija jekk hemmx każijiet paragunabbli fid-dritt intern Ungeriż.

29. Mill-proċess jirriżulta li kumpannija Ungeriża b'responsabbiltà limitata tista' evidentement tittrasferixxi s-sede tagħha minn post għal ieħor fil-pajjiż. F'każ bħal dan, la l-forma ġuridika u lanqas il-liġi applikabbli ma jinbidlu, u l-persuna ġuridika tibqa' l-istess.

30. Barra minn hekk, skont id-dritt Ungeriż, "kumpannija kummerċjali tista' tiġi kkostitwita b'tibdil (jiġifieri b'bidla fil-forma tal-kumpannija, b'amalgamazzjoni u bi qsim)" [14]. Pereżempju, kumpannija b'responsabbiltà limitata tista' tiġi mibdula f'soċjetà azzjonarja. Matul tali bidla fil-forma tal-kumpannija, tinħoloq persuna ġuridika ġdida, imma hija tkun is-suċċessura universali tal-persuna ġuridika mibdula li titlef il-kapaċità ġuridika tagħha fil-mument tat-tibdil [15]. Skont il-leġiżlazzjoni Ungeriża, il-bidla fil-forma tal-kumpannija tista' ssir ukoll bit-trasferiment tas-sede ġewwa l-pajjiż [16].

31. L-operazzjoni li saret f'dan il-każ hija differenti minn trasferiment tas-sede fil-livell nazzjonali, sa fejn l-implementazzjoni tagħha teħtieġ il-kostituzzjoni ta' persuna ġuridika ġdida u t-tħassir tal-kumpannija eżistenti, peress li l-leġiżlazzjoni Ungeriża ma tipprevedix trasferiment transkonfinali tas-sede ta' kumpannija kkostitwita barra mill-pajjiż.

32. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, skont id-dritt Ungeriż, il-każ ta' ċaqliq ta' kumpannija, bħal f'din il-kawża, ma jistax jiġi kkwalifikat bħala "tibdil ta' kumpannija", billi d-dritt Ungeriż tal-kumpanniji jirrikonoxxi biss it-tliet forom ta' tibdil imsemmijin iktar 'il fuq.

14 — Ara l-Artikolu 3(3) tal-Liġi dwar il-kumpanniji kummerċjali.

15 — Ara l-Artikolu 70(1) tal-Liġi dwar il-kumpanniji kummerċjali. Skont l-Artikolu 57(3) tal-Liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpanniji kummerċjali, "[f]il-każ ta' bidla fil-forma tal-kumpannija, it-tibdil tal-kumpannija għandu jiġi ddikjarat lill-qorti tal-kumpanniji li fil-qasam territorjali tagħha tinsab is-sede tal-predeċessura fid-dritt fi żmien sittin jum li jibda jiddekorri mill-firma jew mill-adozzjoni tal-att kostituttiv. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi akkumpanjata minn talba għal tħassir tal-predeċessura". Issa, jidher li jirriżulta mill-kliem ta' dan it-test li l-bidla fil-forma tal-kumpannija tinftiehem iktar bħala suċċessjoni universali bejn żewġ persuni ġuridiċi li għandhom l-istess identità milli bħala tibdil tal-forma legali tal-unika u l-istess persuna ġuridika.

16 — Ara l-Artikolu 57(4) tal-Liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpanniji.

33. Barra minn dan, skont id-dritt tal-Unjoni, VALE Costruzioni u VALE Építési għandhom l-istess forma ta' kumpannija, jiġifieri dik ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata [17]. Huwa ċar li ma hemm l-ebda bżonn, fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, li jiġi previst it-tibdil ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata f'kumpannija simili, jekk ma jkunx hemm amalgamazzjoni jew qasma.

34. Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli li huwa utli li l-operazzjoni magħmula f'dan il-każ tiġi kklassifikata bħala "rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija". Operazzjoni bħal din timplika trasferiment tas-sede b'bidla fil-liġi applikabbli (din il-bidla tirriżulta mill-ħtieġa li tiġi kkostitwita kumpannija ġdida skont id-dritt tal-Istat Membru ospitanti sabiex tkun tista' tkompli l-attivitajiet tal-kumpannija inizjali), kif ukoll it-tħassir tal-kumpannija inizjali fil-pajjiż ta' oriġini.

35. Ninnota wkoll, li l-għan imfittex f'dan il-każ mill-kumpanniji u mis-soċji tagħhom seta' wkoll jintlaħaq billi ssir amalgamazzjoni transkonfinali, li biha VALE Costruzioni kienet tiġi amalgamata ma' VALE Építési skont id-Direttiva 2005/56 [18].

D – *Fuq l-eżistenza legali ta' VALE Costruzioni skont id-dritt Taljan*

1. Osservazzjonijiet preliminari

36. Kif enfasizzat diversi drabi l-Qorti tal-Ġustizzja, kumpannija teżisti biss permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiddetermina l-kostituzzjoni u l-funzjonament tagħha [19]. F'dan id-dawl, hawnhekk hawn tibdil ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Taljan f'waħda rregolata mid-dritt Ungeriż. Madankollu, tali tibdil ma huwa previst la mil-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni [20] u lanqas mid-dritt Ungeriż.

37. Għandu jiġi enfasizzat li l-parti li qed tressaq it-talba fil-kuntest tal-proċedura ta' reġistrazzjoni fl-Ungerija hija kumpannija Ungeriża li qed tiġi ffurmata (jiġifieri VALE Építési) li, mid-dehra, għandha kapaċità limitata biex taġixxi fuq livell proċedurali, għalkemm ma hijiex irreġistrata. Barra minn hekk, skont l-informazzjoni li ngħatat fis-seduta mir-rappreżentant ta' VALE Építési, din il-kumpannija Ungeriża għandha assi li jikkorrispondu ma' parti mill-kapital azzjonarju meħtieġ għar-reġistrazzjoni kif ukoll diretturi u soċji, li, madankollu, ma humiex identiċi ma' dawk tal-kumpannija Taljana.

38. Issa, billi l-kumpannija VALE Costruzioni tħassret mir-reġistru tal-kumpanniji fl-Italja, tqum il-kwistjoni tal-eżistenza stess ta' predeċessura ta' VALE Építési.

39. Fid-dawl tal-bżonn li jiġu kkjarifikati ċertu numru ta' elementi tad-dritt nazzjonali, il-Gvern Taljan u VALE Építési ġew mistiedna mill-Qorti tal-Ġustizzja biex jirrispondu xi domandi supplimentari.

17 — Għal dak li jirrigwarda s-sistema ta' dawn il-kumpanniji f'livell Ewropew, ara, pereżempju, De Kluiver, H.-J., "Europe and the Private Company, An Introduction", fi De Kluiver, H.-J., u Van Gerven, W. M., (Ed.), *The European private company*?, Maklu, Anvers, 1995, p. 23. Nosserva li tali forma tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE, tad-9 ta' Marzu tal-1968, dwar il-kordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol 1, p. 3, ara l-ewwel artikolu tagħha), imma hija eskluża mill-kamp tat-tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE, tat-13 ta' Diċembru tal-1976, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 8, ara wkoll l-ewwel artikolu tagħha).

18 — It-teknika tal-amalgamazzjoni transkonfinali tintuża ta' spiss fl-Istati Uniti biex tinbidel, minn Stat Federali għal ieħor, il-liġi applikabbli għal impriża, ara Armour, J., u Ringe, W.-G., "European Company Law 1999-2010: Renaissance and Crisis", *Common Market Law Review*, Vol. 48 (2011), Nru 1, p. 125 sa 174, partikolarment p. 161 sa 162.

19 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Daily Mail and General Trust (punt 19) u Cartesio (punt 104).

20 — Ara COM (2003) 284 finali.

2. Il-pożizzjonijiet ta' VALE Építési u tal-Gvern Taljan

40. L-ewwel domanda indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Gvern Taljan kienet tittratta l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti minn kumpannija Taljana li tixtieq tinbidel, permezz tat-trasferiment tas-sede statutorja, f'kumpannija rregolata mid-dritt ta' Stat Membru ieħor. Fir-risposta tiegħu, dan il-Gvern jikkonferma li d-dritt Taljan jaċċetta ċ-ċaqliq tas-sede legali ta' kumpannija kkostitwita fl-Italja lejn Stat ieħor. Skont id-dritt Taljan, it-trasferiment tas-sede statutorja jipproduċi effetti biss jekk dan isir b'osservanza tal-leġiżlazzjoni taż-żewġ Stati Membri kkonċernati. Skont dan il-Gvern, il-kumpannija tibqa' teżisti bħala persuna ġuridika skont id-dritt Taljan biss jekk l-Istati Membri li tkun iċċaqalqet bejniethom jaqblu fuq il-konsegwenzi ta' operazzjoni bħal din. Meta t-trasferiment tas-sede jkun akkumpanjat mix-xewqa tal-kumpannija li ma tibqax irregolata mid-dritt Taljan, it-tħassir mir-reġistru jista' jsir biss wara li l-kumpannija tiġi rreġistrata barra mill-pajjiż [21].

41. It-tieni domanda fformulata mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Gvern Taljan tirrigwarda l-effetti, fid-dritt Taljan, tat-tħassir ta' kumpannija mir-reġistru. Skont dan il-Gvern, wara r-riforma tad-dritt Taljan tal-kumpanniji li seħħet fl-2003, it-tħassir tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju jwassal għal effett ta' estinzjoni. Madankollu, il-kwistjoni tibqa' tqum meta jibqgħu jeżistu jew jidhru relazzjonijiet legali jew assi wara t-tħassir. Madankollu huwa possibbli li jkun hemm l-annullament tat-tħassir tal-kumpannija b'kapital azzjonarju, li jfisser li l-kumpannija kkonċernata tibqa' kkunsidrata bħala attiva, sakemm issir prova kuntrarja. Il-Gvern Taljan ippreċiża fis-seduta li r-riferiment attwalment imniżżel fir-reġistru tal-kumpanniji "ġiet ittrasferita fl-Ungerija" jista' jiġi annullat b'effett retroattiv, b'talba għal annullament mis-soċji, jekk dan it-tħassir tal-kumpannija mir-reġistru kien ibbażat fuq deċiżjoni illegali. F'dan il-każ, il-problema dwar l-eżistenza jew l-ineżistenza ta' VALE Costruzioni tkun, b'hekk, neċessarjament għebet.

42. Il-kwistjoni indirizzata lil VALE Építési tirrigwarda b'mod partikolari elementi li juru r-rieda, min-naħa ta' VALE Costruzioni, li tipproċedi għal tibdil. Fir-risposta tagħha, VALE Építési tenfasizza ripetutament li t-tibdil u t-trasferiment tas-sede fl-Ungerija ta' VALE Costruzioni huma bbażati fuq intenzjoni li tiġi eżerċitata b'mod reali u permanenti attività ekonomika. VALE Építési ssostni li din id-deċiżjoni, li ħadet VALE Costruzioni b'mod tajjeb u xieraq, ferm qabel it-tħassir tagħha mir-reġistru, tipprova intenzjoni kostanti u espliċita tas-soċji li ma hijiex affettwata mill-milja ta' żmien relattivament importanti li ddekorra bejn it-tħassir ta' VALE Costruzioni fl-Italja u t-talba għal reġistrazzjoni ta' VALE Építési fl-Ungerija.

3. Kunsiderazzjonijiet

43. Fid-dawl tal-elementi preċedenti, huwa possibbli li s-sitwazzjoni tiġi analizzata minn żewġ angoli differenti.

44. Minn naħa, VALE Costruzioni ma għadhiex teżisti iktar fis-sens tad-dritt Taljan, u t-trasferiment aċċettat mid-dritt Taljan ma jistax jiġi kkompletat billi l-kumpannija ma għadhiex teżisti. Madankollu, min-naħa l-oħra jqumu l-kwistjonijiet ta' lil min jappartjenu l-assi tal-kumpannija, partikolarment il-kapital li sar disponibili bil-għan tar-reġistrazzjoni fl-Ungerija, u ta' min huwa responsabbli għall-obbligi tal-kumpannija fil-konfront ta' terzi [22]. B'mod partikolari wieħed għandu jistaqsi dwar in-natura tar-relazzjoni bejn is-soċji tal-kumpannija mħassra.

21 — Għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, din l-ordni kronoloġika ma jidhirx li ġiet irrispettata mill-awtoritajiet Taljani.

22 — Din il-kwistjoni tidher partikolarment rilevanti meta l-kumpannija ma ġietx illikwidata. Skont is-sentenza Cartesio, iċċitata iktar 'il fuq (punt 112), l-Italja ma setgħetx teħtieġ l-istralċ bħala kundizzjoni minn qabel għat-trasferiment tas-sede, b'bidla fil-liġi applikabbli.

45. Min-naħa l-oħra, VALE Építési għadha ma teżistix bħala persuna ġuridika fid-dritt Ungeriż, għaliex ir-reġistrazzjoni fl-Ungerija ta' din il-kumpannija kienet ġiet irrifjutata. Madankollu, din il-kumpannija li qed tiġi ffurmata kellha n-natura legali meħtieġa biex taġixxi bħala parti quddiem il-qorti nazzjonali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

46. Dawn iż-żewġ aspetti jistgħu jagħtu lok għal dibattiti metafiżiċi, ibbażati fuq teoriji klassiċi dwar l-eżistenza u n-natura ta' persuni ġuridiċi, partikolarment għal dak li jirrigwarda l-kontinwità tal-identitajiet tagħhom fiż-żmien fil-każ ta' tibdil jew ta' suċċessjoni. Madankollu jidhirli li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-libertà ta' stabbiliment, ir-realtajiet tal-ħajja ekonomika prattika għandu jkollhom iktar piż mill-aspetti teoretiċi tad-dritt tal-persuni ġuridiċi.

47. F'dan ir-rigward, nixtieq infakkar dak li qal l-Avukat Ġenerali Darmon fil-kawża Daily Mail and General Trust dwar l-għan tad-dritt ta' stabbiliment, fejn l-istabbiliment ifisser "li jkun hemm integrazzjoni f'ekonomija nazzjonali" u li "l-kunċett ta' stabbiliment huwa, minnu nnifsu, essenzjalment ekonomiku. Dan dejjem jimplika rabta ekonomika effettiva" [23]. Barra minn hekk, hekk kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali La Pergola fil-kawża Centros: "id-dritt ta' stabbiliment huwa essenzjali għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-għanijiet stabbiliti minn qabel mit-Trattat [KE], li jrid jiggarantixxi, mingħajr distinzjoni liċ-ċittadini Komunitarji kollha, il-libertà ta' impriża ekonomika permezz tal-istrumenti mħejjija mid-dritt nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-possibbilità li jidħlu fis-suq" u li dan "jirrigwarda l-protezzjoni tal-opportunità ta' inizjattiva ekonomika u, flimkien magħha, il-libertà kummerċjali li jintużaw strumenti previsti għal dan il-għan fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri" [24].

48. Fil-każ ta' VALE Costruzioni, din hija entità ekonomika kkostitwita skont id-dritt Taljan mis-soċji, mill-obbligi reċiproċi tagħhom, mill-assi tal-kumpannija u minn għan tal-kumpannija li titkompla l-attività tal-kumpannija VALE Costruzioni fl-Ungerija, taħt il-forma ta' kumpannija korrispondenti rregolata mid-dritt Ungeriż. Għalkemm din l-entità tilfet il-personalità ġuridika tagħha skont id-dritt Taljan u s-suċċessura tagħha għadha ma kisbithiex skont id-dritt Ungeriż, VALE Építési jew is-soċji tagħha għandhom ikunu jistgħu jinvokaw il-libertà ta' stabbiliment fl-Ungerija biex hemmhekk ikomplu attività ekonomika, kif iddefinita fl-istatuti tal-kumpannija mħassra u fl-istatuti ta' dik li qed tiġi ffurmata.

49. Jidhirli li dan l-aspett tal-intenzjoni tas-soċji huwa bażiku fl-analiżi tal-applikabbiltà tal-libertà ta' stabbiliment [25]. Ma hijiex il-kumpannija Taljana, probabbilment ineżistenti bħalissa, imma li tista' terġa' tinħoloq, imma l-kumpannija Ungeriża li qed tiġi ffurmata u l-persuni fiżiċi li huma soċji tagħha, li qed jinvokaw il-libertà ta' stabbiliment

50. Stabbilit dan, ftit jimporta li jingħaraf, għall-finijiet tal-applikabbiltà tal-libertà ta' stabbiliment, jekk il-kumpannija VALE Costruzioni baqgħetx jew le teżisti wara Frar 2006 jew jekk VALE Costruzioni waqfitx teżisti iktar kmieni minħabba reġistrazzjoni eventwalment żbaljata, li saret fir-reġistru tal-kumpanniji ta' Ruma. Fi kwalunkwe każ, hemm persuni fiżiċi, ċittadini ta' Stat Membru, li eżerċitaw il-libertà ta' stabbiliment fi Stat Membru u li baqgħu bl-intenzjoni li jeżerċitawha f'ieħor. Għalhekk, is-sitwazzjoni taqa' kemm taħt l-Artikolu 54 TFUE kif ukoll taħt l-Artikolu 49 TFUE.

51. Fir-rigward tal-applikabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE, irrid nippreċiża li n-nazzjonalità tas-soċji ma għandhiex ikollha rwol deċiżiv: jekk hemm ċittadini Taljani, l-element transkonfinali lejn l-Ungerija huwa preżenti, u, anke jekk kien hemm ċittadini Ungeriżi, is-soluzzjoni tkun identika, għaliex f'dan il-każ, is-soċji jieħdu lura l-impriża mill-Italja lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

23 — Ara l-punti 3 u 5 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon fil-kawża li tat lok għas-sentenza Daily Mail u General Trust, iċċitata iktar 'il fuq.

24 — Ara l-punt 20 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola fil-kawża li tat lok għas-sentenza Centros, iċċitata iktar 'il fuq.

25 — Infakkar li l-istatuti ta' VALE Építési kienu ġew approvati minn soċji parzjalment differenti minn dawk ta' VALE Costruzioni.

52. Min-naħa l-oħra, il-kontinwità tal-eżistenza ġuridika tal-ewwel kumpannija fil-mument tal-ħolqien ġuridiku tal-kumpannija intiża biex tissuċċediha fid-dritt tikkostitwixxi aspett ieħor relatat mal-kundizzjonijiet iffissati mill-Istat Membru ospitanti sabiex il-kumpannija li qed tiġi ffurmata tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala s-suċċessura tal-ewwel kumpannija. Il-leġiżlazzjoni Taljana flimkien mad-dispożizzjonijiet analogi tad-dritt tal-Unjoni [26] jitilqu mill-prinċipju li s-suċċessjoni hija possibbli biss jekk is-suċċessura teżisti qabel ma l-predeċessura titlef l-kapaċità ġuridika tagħha. Il-portata ta' dan il-prinċipju għandha tiġi evalwata fil-kuntest tat-tielet u r-raba' domandi.

E – *Fuq l-applikabbiltà tal-libertà ta' stabbiliment f'din il-kawża (domandi 1 u 2)*

53. Iċ-ċaqliq tal-kumpanniji fi ħdan is-suq uniku jista' jieħu diversi forom, bħal ħolqien ta' sussidjarji jew ta' friegħi, it-trasferiment tas-sede jew l-amalgamazzjoni transkonfinali. Il-problema tad-dritt tal-kumpanniji tirrigwarda, minn naħa, il-libertà ta' stabbiliment, fil-livell tad-dritt primarju, u min-naħa l-oħra, implementazzjoni leġiżlattiva iktar speċifika, fil-livell tal-leġiżlazzjoni sekondarja.

54. Huwa magħruf li l-armonizzazzjoni leġiżlattiva f'dan il-qasam qiegħda 'l bogħod milli titwettaq fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà intervjena fl-oqsma speċifiċi.

55. Għalhekk, pereżempju, ir-Regolament Nru 2157/2001 [27] jistabbilixxi li kumpannija Ewropea tista' tittrasferixxi s-sede statutorja tagħha minn Stat Membru lejn Stat Membru ieħor filwaqt li żżomm il-personalità ġuridika tagħha mingħajr ma dan it-trasferiment jagħti lok għall-ħolqien ta' persuna ġuridika ġdida. Madankollu, trasferiment bħal dan ifisser neċessarjament bidla għal dak li jirrigwarda d-dritt nazzjonali applikabbli għal din il-kumpannija. Bl-istess mod, ir-Regolament Nru 1435/2003 [28] jippermetti dan it-trasferiment tas-sede statutorja għall-kooperattivi Ewropej. Barra minn hekk, id-Direttiva 2005/56 tirregola sitwazzjonijiet fejn kumpannija tamalgama ma' kumpannija kkostitwita fi Stat Membru ieħor.

56. Għaldaqstant, il-fenomenu tat-trasferiment tas-sede ma huwiex estranju għad-dritt tal-Unjoni. Naturalment, il-possibbiltà prevista fl-atti leġiżlattivi ċċitati iktar 'il fuq tapplika biss għat-tip ta' kumpanniji li jaqgħu taħt dawn l-atti. Xorta jibqa' l-fatt li tali possibbiltà teżisti u li l-approċċ propost mil-leġiżlatur tal-Unjoni huwa koerenti biżżejjed fit-tliet oqsma.

57. Fir-rigward tat-tibdil ta' persuna ġuridika minn ordinament ġuridiku għal ieħor, għajr għat-tliet każijiet imsemmijin iktar 'il fuq, ma teżisti l-ebda dispożizzjoni fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, huma l-Istati Membri li għandhom jirregolaw il-modalitajiet ta' tali tibdil. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 293 KE jobbliga lill-Istati Membri jwettqu bejniethom, kif ikun hemm bżonn, negozjati sabiex jiġi żgurat, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħhom, ir-rikonoxximent reċiproku tal-kumpanniji, iż-żamma tal-personalità ġuridika fil-każ ta' trasferiment tas-sede minn Stat Membru għal ieħor u l-possibbiltà ta' amalgamazzjoni ta' kumpanniji li jaqgħu taħt leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti. Issa, l-Artikolu 293 KE tħassar mit-Trattat ta' Lisbona, b'mod li d-dritt primarju ma jipprevedix iktar il-possibbiltà li jiġu konklużi ftehim bejn l-Istati Membri fuq ir-rikonoxximent reċiproku tal-kumpanniji.

58. Madankollu, minkejja d-diffikultajiet legali differenti fir-rigward tad-dritt tal-kumpanniji, tad-dritt fiskali nazzjonali, kif ukoll tad-dritt internazzjonali privat, kienet il-Qorti tal-Ġustizzja li pprovdiet l-impulsi prinċipali biex jiġi evolvut id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kumpanniji, permezz tas-sentenzi ewlenin tagħha li fetħu t-triq għal ċaqliq transkonfinali tal-kumpanniji.

26 — Ara l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2157/2001, li jgħid li t-tħassir mir-reġistru jsir biss wara r-reġistrazzjoni l-ġdida. Ara wkoll *mutatis mutandis* l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/56.

27 — Ara l-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament.

28 — Ara l-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

59. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment jiggarantixxu d-dritt ta' stabbiliment fi Stat Membru ieħor mhux biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni skont l-Artikolu 49 TFUE imma wkoll għall-kumpanniji ddefiniti fl-Artikolu 54 TFUE. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi b'mod partikolari biex jiżguraw il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, imma jipprekludu wkoll kull ostakolu għall-istabbiliment, fi Stat Membru ieħor, ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor jew ta' kumpannija kkostitwita skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru [29].

60. Fil-fatt, l-Istati Membri huma obbligati, b'mod partikolari wara s-sentenza Überseering, iċċitata iktar 'il fuq, li jirrikonoxxu lill-kumpanniji kkostitwiti validament skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-provenjenza tagħhom, anke fin-nuqqas ta' rabta materjali ma' dan l-Istat. Ladarba tinħoloq validament, din l-entità suppost tkun tista' teżerċita l-libertà ta' stabbiliment fi ħdan l-Unjoni [30].

61. Dan iċ-ċaqliq, stabbilit fil-ġurisprudenza, jista' jiġi llimitat b'miżuri nazzjonali li jistgħu jtellfu jew jirrendu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat. Madankollu, dawn il-miżuri huma ammissibbli biss jekk jissodisfaw erba' kundizzjonijiet, jiġifieri li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju, huma ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, huma xierqa biex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan leġittimu li huma jsegwu u ma jmorrux lil hinn minn dak li jeħtieġ biex dan jintlaħaq [31].

62. Dan il-limitu jimmaterjalizza ruħu wkoll fil-kunċett ta' abbuż ta' dritt li l-Istati Membri jistgħu jippreċiżaw u jimplementaw [32].

63. Indipendentement mill-interpertazzjoni wiesgħa ħafna tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà ta' stabbiliment, li tikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, limitu ieħor għaċ-ċaqliq tal-kumpanniji jirriżulta mir-regoli li bis-saħħa tagħhom il-kumpannija inkwistjoni ġiet ikkostitwita u li l-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza r-rilevanza tagħhom. Fil-kawża Überseering, hija enfasizzat ukoll li l-modalitajiet tat-trasferiment tas-sede huma ddeterminati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha din il-kumpannija tiġi kkostitwita [33].

64. Fis-sentenza Cartesio, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li "Stat Membru jgawdi l-fakultà li jiddefinixxi kemm l-element ta' rabta mitlub minn kumpannija sabiex din tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala inkorporata skont id-dritt nazzjonali tiegħu u li tista', għalhekk, tibbenefika mid-dritt ta' stabbiliment kif ukoll dak mitlub sabiex dan l-istatus jinżamm sussegwentement. Din il-fakultà tinkludi l-possibbiltà, għal dan l-Istat Membru, li ma jippermettix lil kumpannija rregolata mid-dritt nazzjonali tiegħu żżomm dan l-istatus meta hija jkollha l-intenzjoni terġa' torganizza ruħha fi Stat Membru ieħor billi tittrasferixxi l-uffiċċju rreġistrat tagħha fit-territorju ta' dan l-aħħar Stat, u b'hekk tikser l-element ta' rabta previst mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru fejn ġiet inkorporata." [34].

65. Madankollu dak li huwa previst hija sitwazzjoni fejn ma hemm l-ebda bidla fid-dritt applikabbli. Issa, kif il-Qorti tal-Ġustizzja stess iddeċidiet ukoll fis-sentenza Cartesio, każ ta' trasferiment tas-sede ta' kumpannija kkostitwita skont id-dritt ta' Stat Membru fi Stat Membru ieħor, mingħajr bidla fid-dritt li għalih hija suġġetta, għandu jkun distint minn dak ta' trasferiment ta' kumpannija rregolata mid-dritt ta' Stat Membru lejn Stat Membru ieħor b'bidla fid-dritt nazzjonali applikabbli, fejn il-kumpannija tinbidel f'forma ta' kumpannija rregolata mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru fejn

29 — Ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Daily Mail and General Trust, iċċitata iktar 'il fuq (punti 15 u 16).

30 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Centros (punt 26), Überseering (punt 95) u Inspire Art (punt 137).

31 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-564/07, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 — Ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, Ġabra 2006 p. I-7995, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata); Centros iċċitata 'il fuq (punt 24) kif ukoll Inspire Art, iċċitata iktar 'il fuq (punt 136).

33 — Sentenza Überseering, iċċitata iktar 'il fuq (punt 70).

34 — Sentenza Cartesio, iċċitata iktar 'il fuq (punt 110).

ittrasferiet ruħha [35]. F'dan l-aħħar każ, il-possibbiltà msemmija fis-sentenza Cartesio ma tistax, b'mod partikolari, tiġġustifika li l-Istat Membru ta' fejn ġiet ikkostitwita, billi jimponi x-xoljiment u l-istralċ ta' din il-kumpannija, jimpedixxiha milli tinbidel f'kumpannija rregolata mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru l-ieħor, sa fejn dan id-dritt jippermetti dan [36].

66. Isegwi li bidla fid-dritt applikabbli neċessarjament għandha effett fuq l-applikabbiltà tal-libertà ta' stabbiliment.

67. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-Istat Membru ospitanti, huwa importanti li tiġi enfasizzata s-soluzzjoni sanċita fis-sentenza SEVIC Systems, dwar ir-rifjut diskriminatorju ta' reġistrazzjoni ta' amalgamazzjoni transkonfinali meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tipprevedi l-possibbilità tar-reġistrazzjoni tal-amalgamazzjonijiet nazzjonali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja "il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt dwar l-istabbiliment ikopri kull miżura li tippermetti jew tiffaċilita l-aċċess għal Stat Membru differenti minn dak fejn kienet stabbilita l-kumpannija u l-eżerċizzju ta' attività ekonomika f'dan l-Istat billi tagħmel possibbli l-parteċipazzjoni effettiva ta' l-operaturi ekonomiċi interessati fl-ekonomija ta' l-Istat Membru msemmi, taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għall-operaturi nazzjonali" [37].

68. Kif tenfasizza l-Awtorità ta' sorveljanza tal-EFTA, il-kumpanniji għandhom jingħataw, fi ħdan is-suq komuni, il-possibbiltà li jagħżlu liberament id-dritt tal-kumpanniji li japplika għalihom. Tali libertà ta' għażla tippermetti lill-kumpanniji jagħżlu l-kundizzjonijiet ekonomiċi l-iktar favorevoli u s-sistema tad-dritt tal-kumpanniji l-iktar vantaġġuża [38]. Fil-fatt, il-kumpanniji ġeneralment ikunu jixtiequ jittrasferixxu s-sede statutorja tagħhom lejn Stat Membru ieħor biex jibbenefikaw minn aċċess aħjar għal finanzjamenti u għat-tnaqqis tal-ispejjeż. Barra minn hekk, huwa possibbli li l-biċċa l-kbira tal-attivitajiet ta' kumpannija titwettaq fi Stat Membru ieħor. Ir-rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija, flimkien ma' bidla fid-dritt applikabbli, b'hekk tikkostitwixxi modalità partikolari ta' eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment paragunabbli ma' operazzjonijiet ta' amalgamazzjoni transkonfinali. Għalhekk, tali rikostituzzjoni taqa' taħt l-attivitajiet ekonomiċi li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri jintrabtu li josservaw il-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 TFUE.

69. Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi kkonstatat li l-artikoli tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment japplikaw għal rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija li tinvolvi bidla fid-dritt applikabbli, it-trasferiment tas-sede kif ukoll il-kostituzzjoni ta' kumpannija skont id-dritt tal-Istat Membru ospitanti li jassumi d-drittijiet u l-obbligi ta' dik il-kumpannija bħala suċċessura ġuridika. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tikkunsidra jekk id-dispożizzjonijiet u l-prattiċi nazzjonali inkwistjoni jistgħux jostakolaw dik il-libertà fundamentali, li, kif naraha jien, jidher li huwa l-każ.

## F – *Fuq ir-restrizzjonijiet u l-ġustifikazzjoni tagħhom (domandi 3 u 4)*

70. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fil-punt 112 tas-sentenza Cartesio li t-tibdil ta' kumpannija f'kumpannija rregolata mid-dritt ta' Stat Membru ieħor hija possibbli, "sa fejn permess minn din il-liġi" [39]. Jidhirli li huwa evidenti li l-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi bil-kliem "din il-liġi", għad-dritt tal-Istat Membru ospitanti. Jista' wieħed jinterpreta s-sentenza fis-sens li l-Istat Membru ospitanti jista', b'mod arbitrarju, jew jipprojbixxi, jew jippermetti l-operazzjoni fejn is-sede ta' kumpannija b'kapital azzjonarju u l-liġi applikabbli jinbidlu? Fil-fehma tiegħi, dan ma huwiex il-każ.

35 — *Ibidem*, (punt 111).

36 — *Ibidem* (punt 112).

37 — Sentenza SEVIC Systems, iċċitata iktar 'il fuq (punt 18).

38 — Ara, f'dan is-sens, studju tal-impatt tad-Direttiva fuq it-trasferiment transkonfinali tas-sede statutorja [SEC (2007) 1707, p. 11].

39 — Sentenza Cartesio, iċċitata iktar 'il fuq (punt 112).

71. Nixtieq infakkar hawnhekk li l-każ tal-lum jgħaqqad f'qafas transkonfinali elementi ta' żewġ operazzjonijiet permessi u rrikonoxxuti fil-livell nazzjonali fid-dritt Ungeriż: iċ-ċaqliq ta' kumpannija u t-tibdil ta' kumpannija f'oħra taħt il-forma ta' suċċessjoni ġuridika universali bejn dawn iż-żewġ entitajiet. Il-leġiżlazzjoni Ungeriża tippermetti espressament li ċ-ċaqliq u t-tibdil jidħlu fil-kuntest ta' operazzjoni waħda [40].

72. Jiena nikkunsidra li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif applikatu l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza SEVIC Systems, iċċitata iktar 'il fuq, jeħtieġ li l-Istat Membru ospitanti jippermetti fil-prinċipju rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija.

73. L-Istat ospitanti jista' ċertament iġiegħel lill-kumpannija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li, skont id-dritt nazzjonali, japplikaw għal sitwazzjonijiet analogi. Madankollu, huwa ma jistax japplika regoli interni li jistgħu jipprojbixxu r-rikostituzzjoni transkonfinali għall-unika raġuni li d-dritt nazzjonali tal-kumpanniji ma kienx jipprevedi operazzjoni transkonfinali bħal din. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-ostakoli li jirriżultaw mill-modalitajiet ta' reġistrazzjoni tar-riferimenti fir-reġistru nazzjonali rilevanti. Fil-punt 30 tas-sentenza SEVIC Systems, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rifjut b'mod ġenerali, fi Stat Membru, tar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-kummerċ ta' amalgamazzjoni bejn kumpannija stabbilita f'dan l-Istat u kumpannija li s-sede tagħha tinsab fi Stat Membru ieħor kellu bħala riżultat li jiġi prekluż it-twettiq ta' amalgamazzjonijiet transkonfinali anki meta l-interessi marbutin mar-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħall-protezzjoni tal-interessi tal-krediturі, tal-imseħbin minoritarji u tal-impjegati kif ukoll il-preservazzjoni tal-effiċjenza tal-kontrolli fiskali u tal-lealtà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali ma humiex mhedda. Fi kwalunkwe każ, regola bħal din tmur lil hinn minn dak li jeħtieġ biex jintlaħaq l-għan li jiġu protetti l-interessi msemmija.

74. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, il-kundizzjoni msemmija fil-punt 112 tas-sentenza Cartesio għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Istat ospitanti, fil-kawża prinċipali, kellu l-possibbiltà li japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kostituzzjoni u t-tibdil ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata u li b'dan il-mod jimponi fuq VALE Építési l-obbligi previsti fid-dritt intern tiegħu f'każijiet bħal dawn.

75. Hija VALE Építési li għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li l-leġiżlazzjoni nazzjonali timponi fuq kumpannija b'responsabbiltà limitata għal dak li jirrigwarda, pereżempju, il-kapital azzjonarju, is-soċji u l-kontenut tal-istatuti. Barra minn hekk, l-Istat Membru ospitanti jista' jeżiġi, biex ikun jista' jivverifika t-trasferiment tal-attiv u tal-passiv lill-kumpannija l-ġdida, kontinwità kontabbli bejn il-kumpanniji u jeħtieġ li l-karta tal-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpannija li ser tiġi kkostitwita tikkorrispondi mal-karta tal-bilanċ tal-għeluq tal-kumpannija predeċessura. Jidhirli wkoll li l-Istat Membru msemmi jista' jitlob li l-attiv u l-passiv tal-kumpannija jiġu identifikati u vverifikati minn awditur biex tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli dwar il-kapital azzjonarju.

76. Barra minn hekk nikkunsidra, l-istess bħall-Kummissjoni, li l-Istat Membru jista' japplika wkoll regoli speċifiċi għas-sitwazzjonijiet transkonfinali, sa fejn dan ikun iġġustifikat mill-ispeċifiċità ta' dawn is-sitwazzjonijiet, sa kemm dawn ir-regoli ma jkunu la diskriminatorji u lanqas sproporzjonati. Għalhekk, meta, fid-dritt nazzjonali r-riferimenti mniżżlin fir-reġistru tal-kumpanniji huma vinkolanti fir-rigward ta' terzi *in bona fide* u għandhom effett kostituttiv, filwaqt li jimplikaw ir-responsabbiltà mingħajr ħtija tal-Istat fil-każ ta' impreċiżjoni, ma hemmx lok li jiġu applikati dawn il-prinċipji għad-data li toriġina mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn, li l-preċiżjoni tagħha ma tistax tiġi vverifikata mill-Istat Membru ospitanti.

40 — Artikolu 57 tal-Liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpanniji.

77. Il-kwistjoni ewlenija hija għalhekk jekk il-kumpannija li qed tiġi ffurmata tistax teżiġi li l-kumpannija tal-Istat Membru l-ieħor tissemma bħala l-predeċessura ġuridika tagħha. Jidhirli li għandha tingħata risposta fl-affermattiv għal din il-kwistjoni, sa kemm dik il-kumpannija tkun tista' tipprova li s-suċċessjoni kienet ġiet awtorizzata mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini. Fil-fatt nikkunsidra li trażmissjoni tal-assi bejn il-kumpannija predeċessura u l-kumpannija li qed tiġi ffurmata tista' ssir biss skont l-ordinament ġuridiku ta' oriġini.

78. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-krediti u obbligi oħrajn tal-kumpannija predeċessura, naqsam il-fehma tal-Awtorità ta' sorveljanza tal-EFTA li riferiment fir-reġistru Ungeriż tal-kumpanniji tas-suċċessjoni ġuridika huwa ta' natura li jipproteġi lill-kredituri billi s-sentenza Cartesio, iċċitata iktar 'il fuq, irrendiet possibbli ix-"xoljiment" ta' kumpannija ta' Stat Membru mingħajr l-ebda stralċ. Id-dritt nazzjonali tal-Istat ospitanti għandu jippermetti lil kumpannija tagħti tagħrif dwar l-istatus tagħha ta' suċċessura ta' kumpannija oħra, li jfisser li l-kumpannija li qed tiġi ffurmata tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-kumpannija li tippreċediha [41].

79. Madankollu, trażmissjoni universali bħal din ma hijiex possibbli jekk il-kumpannija predeċessura tkun diġà tilfet il-personalità ġuridika tagħha fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija suċċessura. F'dan il-każ, id-detentriċi tad-drittijiet u tal-obbligi tal-kumpannija predeċessura tkun jew kumpannija fil-fatt nieqsa minn personalità ġuridika, jew is-soċji meħudin kollettivament jew individwalment. Każ bħal dan ma jippermettix suċċessjoni ġuridika universali bejn iż-żewġ kumpanniji. Fil-fehma tiegħi jsegwi f'dan il-każ li l-awtoritajiet Ungeriżi ma humiex obbligati jirrikonoxxu lil VALE Építési bħala suċċessura ġuridika ta' VALE Costruzioni, sakemm it-tħassir ta' VALE Costruzioni mir-reġistru tal-kumpanniji fl-Italja ma ġiex annullat minn qabel.

## VI – Konklużjoni

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari li saru mill-Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bírósága:

"1 L-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE japplikaw f'każ ta' "rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija" jiġifieri meta kumpannija kkostitwita fi Stat Membru (Stat Membru ta' oriġini) tittrasferixxi s-sede tagħha lejn Stat Membru ieħor (Stat Membru ospitanti), filwaqt li kienet tħassret — għal din ir-raġuni — mir-reġistru tal-kumpanniji tal-Istat Membru ta' oriġini, meta l-azzjonisti tal-kumpannija japprovaw l-att kostituttiv tal-kumpannija l-ġdida redatt skont id-dritt tal-Istat ospitanti u meta l-kumpannija titlob ir-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-kumpanniji tal-Istat Membru ospitanti skont id-dritt tiegħu.

2) L-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni jew prassi ta' Stat Membru ospitanti li tiċħad lil kumpannija regolarment ikkostitwita skont id-dritt ta' Stat Membru ieħor ta' oriġini d-dritt li tittrasferixxi s-sede tagħha fl-Istat ospitanti u li hemmhekk tkompli l-attività tagħha fil-forma ta' kumpannija kkostitwita skont id-dritt ta' dan l-Istat, sakemm din ir-restrizzjoni tiġi applikata b'mod mhux diskriminatorju, tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, u hija xierqa biex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan li ssegwi u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq.

3) Fil-każ ta' rikostituzzjoni transkonfinali ta' kumpannija, il-kumpannija inkwistjoni hija marbuta li tipprova fit-talba għal reġistrazzjoni tagħha, permezz ta' mezzi affidabbli u billi tibbaża ruħha fuq dokumenti ġustifikattivi awtentikati, li l-kumpannija kkostitwita fl-Istat Membru l-ieħor għandha tiġi kkunsidrata bħala predeċessura tagħha fid-dritt. Il-fatt li l-kumpannija titlob ir-reġistrazzjoni

41 — Għal dak li jirrigwarda l-effetti ta' tali dikjarazzjoni f'kuntest fiskali, l-evalwazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, il-prevenzjoni tal-abbuż tad-dritt u min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ostakoli fiskali għal-libertà ta' stabbiliment.

ta’ din il-predeċessura fid-dritt fir-reġistru tal-kumpanniji tal-Istat Membru ospitanti ma jikkostitwixxix fih innifsu motiv validu ta’ ċaħda tat-talba tagħha għal reġistrazzjoni fir-reġistru tal-kumpanniji.

4) Fil-każ ta’ rikostituzzjoni transkonfinali ta’ kumpannija, l-Istati Membri jistgħu jippreskrivu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-kumpanniji dwar it-trasferimenti tas-sede kif ukoll dwar it-tibdil nazzjonali sakemm dawn jiġu applikati b’mod mhux diskriminatorju, ikunu ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta’ interess ġenerali, huma xierqa biex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan li jsegwu u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex dan jintlaħaq. L-Istati Membri jistgħu wkoll, madankollu, jippreskrivu l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sitwazzjonijiet transkonfinali, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi ma joħolqux piż itqal fuq il-kumpanniji li jixtiequ jeżerċitaw il-libertà ta’ stabbiliment tagħhom milli f’każ ta’ trasferiment ta’ sede jew ta’ tibdil ta’ natura nazzjonali”.